**16 ta' Lulju, 1998**

**Imħallef:-**

**Onor. Vincent DeGaetano LL.D.**

Il-Pulizija

*versus*

Stephen Zammit

## **Identifikazzjoni ta' Imputat** - ***Identification Parade***

*Il-liġi tagħna hi partikolarment skarsa dwar regoli li għandhom x'jaqsmu ma' l-identifikazzjoni ta' imputat jew akkużat. Infatti, l-unika disposizzjoni tal-liġi in materja - l-artikolu 648 tal-Kodiċi Kriminali - hi redatta fin-negattiv, fis-sens li tgħid x'mhux meħtieġ u mhux x'inhu meħtieġ. Minn din id-disposizzjoni jidher ċar li l-leġislatur ma riedx ixekkel lill-partijiet fil-kawża b'regoli riġidi ta' kif għandha ssir l-identifikazzjoni ta' persuna jew oġġett, iżda ħalla fil-ġudizzju prudenti tal-Qorti li tirregola ruħha skond il-każ. Din id-disposizzjoni, naturalment, tapplika għal identifikazzjoni f'Qorti; meta si tratta ta' identifikazzjoni li tkun saret barra l-Qorti, bħal, per eżempju, fil-għassa tal-pulizija, u li għalhekk tkun ipprecediet l-identifikazzjoni f'Qorti, il-liġi tagħna ma tgħid xejn. Dan ma jfissirx li ma hemmx regoli ta' prudenza ddettati mill-buon sens li għandhom jiġu osservati, speċjalment f'dawk li jissejħu* identification parades; *dawn ir-regoli huma intiżi fl-interess kemm tal-prosekuzzjoni kif ukoll tad-difiża bl-iskop li l-identifikazzjoni ta' persuna bħala l-awtur ta' reat jew bħala l-persuna altrimenti nvoluta fih tkun attendibbli b'mod li l-ġudikant tal-fatt ikun jista' jserraħ moħħu li ma hemmx żball f'dik l-identifikazzjoni.*

Il-Qorti:-

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra Stephen Zammit talli: (1) f'Raħal Ġdid fit-23 ta' Ottubru, 1994, għall-ħabta tas-7.30 p.m., bil-ħsieb li jagħmel delitt ta' serq ta' diversi oġġetti tad-deheb u affarijiet oħra li l-valur tagħhom jeċċedi l-elf lira iżda mhux l-għaxart elef lira, mill-fond numru 13, Triq it-Tarzna, Raħal Ġdid, wera dan il-ħsieb b'atti esterni u ta bidu għall-esekuzzjoni tad-delitt billi sgassa l-bieb ta' barra u daħal

ġewwa dan il-fond, liema delitt ma ġiex esegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali u ndipendenti mill-volontà tiegħu, liema tentattiv ta' serq huwa kkwalifikat bil-vjolenza, mezz, ħin, lok u valur; (2) talli fl-istess data u ħin f'Raħal Ġdid, *mill*-fond numru 14, Triq it-Tarzna, ikkommetta serq ta' oġġetti tad-deheb li l-valur tagħhom jeċċedi l-mitt lira iżda mhux l-elf lira għad-dannu ta' Francis Saviour Magro, liema serq huwa kkwalifikat bil-vjolenza, mezz, ħin, valur u lok; (3) talli fl-istess data, ħin lok u ċirkostanzi bil-ħsieb li jikkommetti feriti ta' natura gravi fuq il-persuni ta' Mark Pace mill-Ħamrun u Carmen Magro minn Raħal Ġdid, huwa wera dan il-ħsieb b'atti esterni u ta bidu għall-esekuzzjoni ta' dan id-delitt billi xejjer daqqiet ta' strument *li* jaqta' u *bil*-ponta *fid*-direzzjoni tagħhom, *liema* delitt ma ġiex esegwit minħaba xi ħaġa aċċidentali u *indipendenti mill-volontà tiegħu; u (4) talli fl-istess ċirkostanzi* huwa żamm u ġarr arma regolari mingħajr liċenzja maħruġa mill-Kummissarju tal-Pulizija;

*Rat* is-sentenza *tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) ta' l-20 ta'* Jannar, 1998 li permezz tagħha dik il-Qorti sabet lill-imsemmi Stephen Zammit ħati skond l-imputazzjonijiet dedotti kontra *tiegħu* u kkundannatu sentejn priġunerija bit-tnaqqis ta' l-arrest preventiv;

*Rat* ir-*rikors* ta' *appell ta' l-imsemmi* Stephen *Zammit,* minnu *ppreżentat fit-30 ta' Jannar, 1998, li permezz tiegħu hu* talab ir-revoka ta' l-imsemmija sentenza;

Rat l-atti kollha tal-kawża; semgħet il-provi u lid-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tad-29 ta' April, 1998; ikkunsidrat:

Dana l-appell jirrigwarda, u hu bbażat fuq, il-kwistjoni delikata *ta' l-identifikazzjoni ta' l-appellant da parti ta' tnejn* minn nies. Mark Pace u l-għarusa tiegħu Carmen Magro. Dawn

it-tnejn kienu ġejjin lura mill-quddies fil-ġurnata u fil-ħin indikati fl-imputazzjoni, u kif waslu quddiem il-bieb tad-dar ta' Carmen Magro (fejn din kienet tgħix mal-ġenituri tagħha) huma nnutaw li l-bieb ta' barra kien imbexxaq. Magro daħlet ġewwa u sejħet lil ommha u f'daqqa waħda rat raġel nieżel it-taraġ b'sikkina f'idejh u xejjer is-sikkina fid-direzzjoni tagħha. Hi *tbaxxiet biex ma jolqothiex u daret biex titlaq tiġri 'l barra. Fil*-bieb ta' barra hi daret u ratu jaqbad ma' l-għarus tagħha u bdiet twerżaq u tgħajjat (tant li xi ġirien li ħarġu ftit wara ħasbu li kienet qed tiġġieled ma' l-għarus tagħha). Dan ir-raġel ħareġ mill-bieb u telaq jiġri, filwaqt li Mark Pace segwieh għal distanza qasira; iżda wara li dan ir-raġel reġa' xejjer bis-sikkina, Mark Pace ħallieh jitlaq. L-inċident kollu ħa ftit sekondi, skond Mark Pace għoxrin sekonda (*fol*. 72);

Il-każ tal-prosekuzzjoni hu bbażat esklussivament fuq l-identifikazzjoni ta' l-appellant da parti ta' l-imsemmija Mark Pace u Carmen Magro. L-appellant - li naturalment qed jgħid li mhux ħati ta' l-imputazzjonijiet addebitati lilu - qed jikkontesta din l-identifikazzjoni għar-raġuni, bażikament, li fil-ftit sekondi ta' *l-inċident* u *bil-ħasda li dawn it-tnejn neċessarjament* kellhom fuqhom kif raw dak ir-raġel, l-identifikazzjoni tagħhom mhix attendibbli u għalhekk l-Ewwel Qorti ma setgħetx, a bażi ta' dik l-identifikazzjoni biss, issibu ħati;

Il-liġi tagħna hi partikolarment skarsa dwar regoli li għandhom x'jaqsmu ma' l-identifikazzjoni ta' imputat jew akkużat. Infatti, l-unika disposizzjoni tal-liġi in materja - l-artikolu 648 tal-Kodiċi Kriminali - hi redatta fin-negattiv, fis-sens li tgħid x'mhux meħtieġ u mhux x'inhu meħtieġ:

"Biex issir il-prova ta' l-identità ta' persuna li għandha tiġi magħrufa jew ta' oġġett li għandu jinġieb bħala prova, mhux meħtieġ, bħala regola, li x-xhud jagħraf dik il-persuna minn fost

persuni oħra, jew dak l-oġġett minn qalb oħrajn bħalu, ħlief meta l-Qorti, f'xi każ partikolari, ikun jidhrilha xieraq tagħmel dan għall-finijiet tal-ġustizzja";

Minn din id-disposizzjoni jidher ċar li l-leġislatur ma riedx ixekkel lill-partijiet fil-kawża b'regoli riġidi ta' kif għandha ssir l-identifikazzjoni ta' persuna jew oġġett, iżda ħalla fil-ġudizzju prudenti tal-Qorti li tirregola ruħha skond il-każ. Din id-disposizzjoni, naturalment, tapplika għal identifikazzjoni f'Qorti; meta si tratta ta' identifikazzjoni li tkun saret barra mill-Qorti, bħal, per eżempju, fl-għassa tal-pulizija, u li għalhekk tkun ippreċediet l-identifikazzjoni fil-Qorti, il-liġi tagħna ma tgħid xejn. Dan ma jfissirx li ma hemmx regoli ta' prduenza dettati mill-bwon sens li għandhom jiġu osservati, speċjalment f'dawk li jissejħu *identification parades*, dawn ir-regoli huma intiżi fl-interess kemm tal-prosekuzzjoni kif ukoll tad-difiża bl-iskop li l-identifikazzjoni ta' persuna bħala l-awtur ta' reat jew bħala l-persuna altrimenti involuta fih tkun attendibbli b'mod li l-ġudikant tal-fatt ikun jista' jserraħ moħħu li ma hemmx żball f'dik l-identifikazzjoni. Fl-Ingilterra ħafna minn dawn ir-regoli huma llum inklużi fil-*Code of Practice D* taħt il-*Police and Criminal Evidence Act, 1984.* S'intendi, dawn ir-regoli mhumiex applikabbli għal Malta, iżda xi wħud minnhom huma utili ħafna għax jgħinu biex jiżguraw dak li ngħad aktar 'il fuq, u ċjoè l-attendibilità ta' l-identifikazzjoni. Hekk, per eżempju, waħda minnn dawn ir-regoli hi li meta jkun hemm aktar minn xhud wieħed u dawna jkunu ser jintwerew xi ritratti: "*only one witness shall be shown photographs at any one time*" (para. 2, Annexe D) u dan bl-iskop ovvju li xhud ma jkunx jista' jinfluwenza lix-xhud l-ieħor. Ix-xhud għandu jiġi muri numru sostanzjali ta' ritratti, mhux sempliċement wieħed jew tnejn, u "*he shall not be prompted or guided in any way but shall be left to make any selection without help*" (para. 4). Ir-ritratti hekk użati, u speċjalment dak li talvolta x-xhud ikun indika bħala li jirrappreżenta lill-persuna li qed jidentifika,

għandhom jiġu ppreservati biex jekk ikun il-każ, jiġu esebiti fil-Qorti. Kwantu għal *identification parades* dawn ir-regoli jipprovdu, fost ħwejjeġ oħra li:

"*The parade shall consist of at least eight persons (in addition to the suspect) who so far as possible resemble the suspect in age, height, general appearance and position in life* ..." (para 8, Annexe A, sottolinear ta' din il-Qorti);

Jerġa' jiġi ribadit li n-non-osservanza ta' dawn ir-regoli ma jwassalx għall-inammisibilità tal-prova ta' l-identifikazzjoni, ikun ifisser biss li, skond iċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ, dik l-identifikazzjoni tista' ma tkunx attendibbli biżżejjed. Lanqas ma għandu dan kollu jfisser jew jiġi interpretat bħala li hemm xi regola ġenerali li xiehda okulari (*eye-witness testimony*) hija minnha nnfisha inattendibbli jew li fiha xi perikoli. Kif fisser Chief Justice Miles fis-*Supreme Court of the Australia Capital Territory* fil-kawża **Sharett *vs* Gill** (1993) 65 A Crim R.44:

"... *I am unaware of any authority in this country or elsewhere ... that lays down a general principle that all eye-witness testimony is subject to weaknesses and dangers. It would be surprising if there were such a principle. Of course, everybody knows that everybody else has human failings with regard to such matters as observation, interpretation, recollection and articulateness and such failings are assumed to be taken into account in most cases by the tribunal of fact unless there is some particular need for the fact-finder to refer to or to be referred to some aspect of the case whre such failings are relevant. The highest judicial authorities emphasise that in jury trials cases of disputed identification require express and precise refrence to these human failings ... and this principle has been extended to trials without a jury. However, it is hard to*

*imagine life where people are not able to act safely and sensibly upon their observations of what they see and hear, and even upon their identification of fellow human beings by such observations. The ability to distinguish one human being from another and to recognise a person as one previously encountered are surely basic skills indispensable to social existence, and skills well acquired at an early age. What the lawyers call identification is esentially no different from what is generaly known as recognition*";

Fi kliem ieħor huwa biss f'ċertu kazijiet li tista' verament tqum il-kwistjoni ta' l-attendibilità ta' *identification evidence.* Il-każ klassiku fl-Ingilterra huwa dak ta' **Turnbull** (1977) QB 224, fejn il-Qorti esprimiet ruħha hekk:

"*First, whenever the case against the accused depends wholly or subtantially on the correctness of one or more identifications of the accused which the defence alleges to be mistaken, the judge should warn the jury of the special need for caution before convicting the accused in reliance on the correctness of the identification or identifications. In addition, he should instruct them as to the reason for the need for such a warning and should make some reference to the possibility that a mitaken witness can be a convincing one and that a number of such witnesses can all be mistaken. Provided that is done in clear terms the judge need not use any particular form of words.*

*Secondly, the judge should direct the jury to examine closely the circumstances in which the identification by each witness came to be made. How long did the witness have the accused under observation? At what distance? In what light? Was the observation impeded in any way, as for example, by passing traffic or a press of people? Had the witness ever seen the accused before? How often? If only occasionally, had he any*

*special reason for remembering the accused? How long elapsed between the original observation and the subsequent identification to the police? Was there any material discrepancy between the description of the accused given to the police by the witness when first seen by them and his actual appearance? ...*

*Recognition may be more reliable than identification of a stranger; but even when the witness is purporting to recognise someone whom he knows, the jury should be reminded that mistakes in recognition of close relatives and friends are sometimes made.*

*All these matters go to the quality of the identification evidence. If the quality is good and remains good at the close of the accused's case, the danger of a mistaken identification is lessened; but the poorer the quality, the greater the danger"* (ara *Blackstone's Criminali Practice*, 1991, paġna 1991; *Archbold*, 1997, paġni 1255-1256);

Fil-każ in diżamina, naturlment, ma kienx hemm ġurija; dan ifisser, iżda, li l-Ewwel Qorti kellha tikkunsidra bir-reqqa dawk iċ-ċirkostanzi kollha li kienu jistgħu jitfgħu xi dubbju fuq l-attendibilità tad-deposizzjoni ta' Mark Pace u ta' Carmen Magro, inkuż il-mod kif huma ġew murija xi ritratti mill-pulizija u l-mod kif saret l-*identification parade* Kieku kien jirriżulta mis-sentenza appellata li l-Ewwel Qorti verament ħadet dawn iċ-ċirkostanzi in konsiderazzjoni, din il-Qorti (ta' l-appell) ma kien ikollha ebda raġuni tiddisturba l-konklużjoni ta' dik il-Qorti. Jista' jkun li dan kollu l-Ewwel Qorti kkunsidratu, iżda ċertament ma qalitux fis-sentenza tagħha. Infatti, fis-sentenza tagħha l-Ewwel Qorti straħet fuq żewġ brani mid-deposizzjoni ta' dawn iż-żewġ xhieda fejn huma qalu fil-Qorti li kienu ċerti li l-imputat kien il-persuna li huma raw fl-inċident in kwistjoni. L-Ewwel Qorti ppruvat issib xi forma ta'

korroborazzjoni fil-fatt li fir-rapport li l-Ispettur Nicholas Cippara għamel lill-Maġistrat ta' l-Għassa għall-finijiet ta' l-inkjesta dwar l-*in genere* u jgħid li "mill-indaġini li għamlet il-pulizija" irriżulta li l-malvivent "kien liebes *jeans* blu u *top* blu u abjad bil-kmiem twal". L-Ewwel Qorti qabblet dawn il-kliem ma' bran mill-istqarrija ta' l-appellant (allura imputat) li fiha, mistoqsi x'kien liebes il-Ħadd, 23 ta' Ottubru, 1994, filgħaxija, qal li kien liebes "flokk bil-kliem twal ta' kulur abjad u blu". Dak li l-Ewwel Qorti injorat hu li r-rapport ta' l-imsemmi Spettur, in kwantu jgħid x'ra ħaddieħor, jammonta għal *hearsay evidence* li mhuwiex ammissibbli fil-konfront ta' l-imputat. Jekk imbagħad wieħed jara d-deposizzjoni li Pace u Magro taw lill-Perit AIC Richard Aquilina proprju ftit sigħat wara l-inċident, isib deskrizzjonijiet oħra. Pace jgħid li l-malvivent kien "liebes *jeans* skur u flokk bil-kmiem twal u b'xi faxx ċar fuq sidru. Fuqu kellu aktarx xi sidrija skura" (fol. 61 ta' l-attijiet ta' l-istruttorja). Id-deskrizzjoni ta' Carmen Magro, ukoll mogħtija ftit sigħat wara l-inċident, hi hekk: "fuqu kellu *jeans* blu ċar, flokk bil-kmiem twal bil-blu u abjad u aktarx xi kulur ieħor". Il-pulizija baqgħet ma elevat ebda ħwejjeġ mingħand l-appellant li b'xi mod kienu jaqblu ma' dawn id-deskrizzjonijiet;

Però, dak li l-aktar jippreokkupa lil din il-Qorti, għax għandu relevanza partikolari fuq l-attendibilità ta' l-identifikazzjoni ta' l-appellant da parti ta' Pace u Magro, huma s-segwenti fatti: (1) jidher li Pace u Magro ġew murija r-ritratti - li minnhom huma eventwalment għarfu ritratt wieħed flimkien, jiġifieri fil-presenza ta' xulxin, bir-riskju aktar 'il fuq imsemmi li wieħed jinfluwenza lill-ieħor; (2) ir-ritratt li a bażi tiegħu saret l-ewwel identifikazzjoni qatt ma ġie esebit biex wieħed ikun jista' jivvaluta kif dan ir-ritratt seta' influwixxa fuq l-identifikazzjoni sussegwenti; u (3) ma ġewx esebiti r-ritratti tal-*line up* fiż-żewġ *identification parades* li saru, b'mod li ma jistax jiġi vvalutat jekk kull *line up* kienx fih xi suġġeriment indirett dwar il-persuna eventwalment identifikata. Minn dak li

qal Mark Pace fid-deposizzjoni tiegħu quddiem l-Ewwel Qorti wieħed għandu jifhem li l-persuni li kienu fil-*line up* ma' l-appellant kienu differenti ħafna f'dak li hu xebħ estern minnu. Dan ix-xhud, a fol. 71 jgħid hekk:

"Mistoqsi ngħid jekk kellix diffikultà biex nagħrafha f'*line up*, ngħid li ma kinux simili anzi ngħid lanqas xejn";

U in kontro-eżami:

"In-nies ta' l-*identification parade* ma kellhomx x'jixxiebħu xejn lanqas xejn ma' l-imputat" (fol. 73);

Fin-nuqqas ta' *ritratti kif aktar 'il fuq imsemmi dan jista'* jfisser li l-appellant tqiegħed fost nies tant differenti minnu fix-xebh estern li l-iskop kollu ta' l-*identification parade* ġie vanifikat;

Fid-dawl tal-premess, din il-Qorti hi tal-fehma li għandha twarrab il-konklużjoni raġġunta mill-Ewwel Qorti. Kif intqal fis-sentenza **Grbic *vs* Pitkethyl** (1992) 110 ALR 577 (sentenza tal-Qorti Federali ta' l-Awstralja):

"*An appellate court called upon to review a conviction on the ground that it is unsafe and unsatisfactory because of the nature of the identification evidence in the case must also give close attention to that matter in doing so it will need to consider whether; in all circumstances, the court below could safely have arrived at a conclusion of guilt*" (at 588);

Għall-motivi premessi, tilqa' l-appell, tħassar u tirrevoka s-sentenza appellata, u tillibera lill-appellant minn kull imputazzjoni, ħtija u piena.